# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

## Laqgħa Nru. *20/07/2016*

Data: It-Tlieta 27 ta' Settembru 2016

Hin: Fis-6.00 ta' filgħaxija

Post: Fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

---

Preżenti: *Is-Sur Nicky Saliba – Sindku*
*Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier*
*Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier*
*Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera*
*Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn*

*Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva*

Skużati: *Is-Sur Daniel Cordina – Deputat Sindku*

Assenti:

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa bin-nru. 19/07/2016;
3. Punti mqajma mill-Minuti Laqgħa bin-nru. 19/07/2016;
4. Korrispondenza;
5. Ilmenti u Suġġerimenti;
6. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
7. Sejħiet għal offerti u kwotazzjonijiet:
   - Kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*
   - Provvista u twaħħil ta' 6 bankijiet għal Marsalforn
   - Ri-pubblikazzjoni tal-Ktieb 'Żebbuġ...Marsalforn: Natura, Storja, Kultura';
8. Affarijiet Oħra;
9. Aġġornament.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

1.1 Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

1.2 Il-Chev. C Saliba beda biex qal li wara li għadda minn intervent mediku japprezza s-sapport muri lilu mill-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn u jwiegħed li ser ikompli jaħdem b' risq il-lokalita` taż-Żebbuġ u Marsalforn sakemm saħħtu tippermettilu. Irringrazzja wkoll lil min għamillu żjara ġewwa l-Isptar Mater Dei u d-dar f' dan il-perijodu ta' konvalexxenza kif ukoll min ikkuntattjah anke bit-telefon jew bagħatlu kartolina.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 19/07/2016

2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 19/07/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

2.3 Dwar 10.2.4 kien hemm din iż-żieda 'Intqal li l-*pedestrian crossing* qegħda quddiem garaxx. Il-Viċi Sindku qal jekk hemm bżonn titla' aktar il-fuq lejn il-pjazza'.

2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU 19/07/2016

3.1 Dwar para. 3.7, il-Chev. C Saliba tkellem fuq il-ħajt tas-sejjieħ li hemm fuq ix-xelters fid-daħla tar- raħal li għandu bżonn manutenzjoni u li jekk din il-manutenzjoni ma ssirx il-probabilita` hi li jekk tagħmel ix-xita jisfronda.

## 4. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija mill-Kunsill:

4.1 Ċirkulari Nru. 26/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kampanja Pink October 2016. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f' din l-

attivita` billi tinxtegħel id-daħla tar-raħal fi Triq il-Knisja u s-*soft area* fejn il-monument f' Misraħ M' Anġ Refalo, Marsalforn. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lil Chris Gauci biex jagħmel ix-xogħol tal-elettriku f' dawn iż-żewġ postijiet.

4.2 Korrispondenza ta' Anton Zarb. Il-Kunsill iddeċieda li jordna żewġ tabelli waħda fuq *pole* turi Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-oħra teħel mal-ħajt turi Xeltrijiet ta' Żmien il-Gwerra, it-tnejn fi Triq il-Knisja.

4.3 Korrispondenza tal-Awtorita` tal-Ippjanar dwar applikazzjoni PA 2610/15. Iċ-Chairperson ħalliet għad-deskrizzjoni tas-Sindku kif għandu jivvota f' dik is-seduta tal-Bord. Is-Sindku qal li kien ser jattendi.

4.4 Korrispondenza tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali dwar radd lura ta' flus fir-rigward tal-proġett mill-Miżura 413. Il-Kunsill qabel li għalissa ma joħroġ l-ebda pagament.

4.5 Ċirkulari Nru. 19/2016 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – Sħubija fil-Local Action Groups.

4.6 Komunikat mid-Direttorat tat-Trattament Xieraq tal-Annimali dwar it-tabelli biex ma jgħumux klieb fil-Bajja tax-Xwejni. Il-Kunsill qabel li jirrispondi għall-mistoqsija tad-Direttorat u jgħid li ma kienx hemm konsultazzjoni mis-Segretarjat Parlamentari dwar il-kwistjoni. Il-Kunsill qabel li t-tabelli għandhom jibqgħu hemm.

4.7 Komunikat minn Transport Malta biex isiru *double yellow lines* fejn hemm bżonn fi Triq Għajn Mhelhel u Triq is-Sagħtrija minn fejn jgħaddi s-servizz tat-trasport pubbliku. Is-Sindku qal ma jaqbilx li jsiru d-*double yellow lines* f' dawn it-toroq.

4.7.1 Is-Sindku ressaq it-talba għall-vot.
Kontra – is-Sindku u l-Kunsillieri Cassar u Grech
Favur – Ħadd
Astensjonijiet – il-Chev. C Saliba, billi jaħdem ma' Transport Malta u jista' jkollu kunflitt ta' interess.

4.7.2 Il-komunikat ta' Transport Malta ma ġiex approvat.

4.8 Korrispondenza tas-Sur P Attard dwar osservazzjonijiet relatati maċ-ċerimonja ta' Jum Iż-Żebbuġ.

4.9 Komunikat anonimu dwar il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali.

4.10 Komunikat tas-Sinjura Benita Cassar Torreggiani dwar sewqan eċċessiv fuq ir-raħal. Il-Kunsill iddeċieda li jsiru SLOW fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri quddiem il-Museum u quddiem Adelina Cini.

4.11 Komunikat tas-Segretarja Eżekuttiva fejn qed tgħarraf lill-Kunsill li ser tibda bil-*leave* tal-maternita` fl-1 ta' Novembru 2016.

| 4.12 **Applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| Gozo Jeep Tours<br>Għal attivita` soċjali nhar it-13 ta' Ottubru 2016 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |

4.13 Komunikat minn Transport Malta dwar il-monument tal-gwerra. Il-Kunsill qabel li jistenna sakemm joħroġ il-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

5.1 Ilment 18/2016 – is-Sur E Borg
Biex titwaħħal tabella biex ma jsirx rimi ta' kwalunkwe xorta fil-*culvert* li hemm fi Pjazza l-Assunta. Is-Sindku ser jara x' hemm fil-*water culvert*.

5.2 Ilment 37/2016 – Deputat Sindku
Biex tiddawwal il-*pitch* tal-boċċi fil-*playing field* taż-Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li l-*floodlights* għandhom jitwaħħlu l'isfel mit-tinda.

## 6. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

6.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 17/2016 – DOK A għall-perijodu bejn l-24 ta' Awwissu 2016 u l-20 ta' Settembru 2016 li tammonta għal €20,918.76 kienet approvata u ffirmata.

6.2 Il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku qabel unanimament li mill-lum il-quddiem il-pagamenti għandhom jingħataw prijorita` u joħorġu fi żmien sebat' ijiem wara l-laqgħa.

## 7. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

7.1 KISI TA' TOROQ BIL-*HOT ROLLED ASPHALT*

7.1.2 Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni fuq l-offerta ZGLC 08/2015 – Kisi ta' toroq bil-*hot rolled asphalt*.

7.1.3 Il-Kunsill fuq parir tal-Bord iddeċieda li għandu joħroġ l-offerta mill-ġdid.

PROVVISTA U TWAHHIL TA' 6 BANKIJIET GĦAL MARSALFORN

7.2 Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienu ntefgħu erba' kwotazzjonijiet għall-provvista u twaħħil ta' sitt bankijiet għal Marsalforn. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur:

| | | |
|---|---|---|
| Dimech Enterprises Ltd | | €470.82 |
| Rapa Showrooms Co Ltd | Opt. A | €449.00 |
| | Opt. B | €541.00 |
| | Opt. C | €575.00 |
| | Opt. D | €549.00 |
| | Opt. E | €549.00 |
| Anton Zarb | | €594.72 |
| JGC playon | Opt A. | €385.00 |
| | Opt B. | €385.00 |

7.2.1 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet ser tgħaddi kopja tal-kwotazzjonijiet mitfugħa lill-Perit biex jagħmel evalwazzjoni tagħhom.

RI-PUBBLIKAZZJONI TAL-KTIEB 'ŻEBBUĠ...MARSALFORN: NATURA, STORJA, KULTURA'

7.3 Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li kienet intefgħet kwotazzjoni waħda għar-ri-pubblikazzjoni tal-ktieb 'Żebbuġ ... Marsalforn, Natura, Storja, Kultura'. Qalet li l-offerta mitfugħa hija ta', bil-valur:

Joseph Bajada €2,200.

7.3.1 Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra ta' ordni lis-Sur Bajada.

## 8. AFFARIJIET OĦRA

8.1 Il-Kunsillier C Saliba ippropona li fid-dawl tal-koperazzjoni ezistenti bejn il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal

Marsalforn kif ukoll mal-Ministeru għal Għawdex fejn il-Ministeru għal Għawdex qabel li jagħmel nefqa kapitali ta' €70,000 fi Triq il-Port, Marsalforn infrastruttura ta' triq u fanali u jinbeda ċ-Ċentru Ċiviku ġewwa Marsalforn kif ukoll il-koperazzjoni biex ġiet irranġata t-triq prinċipali taż-Żebbuġ, il-kont pendenti li hemm ta' Louis Attard għandu jitħallas mill-Kunsill. Il-kumplament tal-membri ssekondaw u qablu mal-proposta tal-Chev. Saliba.

8.2 Is-Sindku qal li hemm bżonn ta' tiswija tal-grada tal-*water culvert* fi Triq il-Kaċċaturi. Il-Kunsill qabel li t-tiswija tal-grada ssir minn P Caruana.

8.3 Il-Kunsill qabel li għandu jsir tindif in-naħa ta' fuq tal-passaġġ tat-taflija. Tindif isir minn Road Construction Co Ltd.

8.4 Il-Kunsill qabel li Triq il-Qbajjar, Marsalforn tinfetaħ minn *one-way* u terġa' ssir *two way*.

8.5 Il-Kunsill qabel li l-*face book* tal-Kunsill ikun aġġornat bix-xogħlijiet tal-Kunsill.

8.6 Dwar is-servizz tal-*mini bus* għat-tfal tal-iskola fuq talba ta' D Cini l-Kunsill qabel li titħallas s-somma ta' €40 fil-ġimgħa.

8.7 Il-Kunsill qabel li joħroġ dawn is-sejħiet għall-offerti:
- Provvista ta' *ready mix concrete*
- Tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta 25 ta' Ottubru 2016 fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| ***Nicky Saliba*** | ***Diane Tagliaferro*** |
| *Sindku* | *Segretarja Eżekuttiva* |

Data: ***25 ta' Ottubru 2016***